# ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA TAL-GRAZZJA FIL-PARROĊĊA TA' SANNAT

minn

*George Azzopardi B.A., M.A.*

**L-Artal tal-Madonna tal-Grazzja fil-Knisja Parrokkjali**

Meta kien intemm il-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Sannat fl-1718, bdew jitwaqqfu artali ġodda f'din il-knisja ġdida. Wieħed minn dawn l-artali ġodda li kien jinsab fuq il-lemin tal-korsija mill-bieb tal-ġenb 'il fuq, kien iddedikat propju lill-Madonna tal-Grazzja għalkemm, min-nies, kien magħruf ukoll bħala "tal-Erwieħ" (BEZZINA 1989: 217). Dan għaliex il-kwadru tiegħu, li llum għadu miżmum fis-sagristija tal-istess knisja parrokkjali, kien juri l-Madonna żżomm b'idejha t-tnejn lil binha Ġesu' filwaqt li fil-parti t'isfel jidhru l-erwieħ fil-Purgatorju jitolbu l-interċessjoni tagħha għall-ħelsien tagħhom mill-istess Purgatorju filwaqt li jsellmulha bħala dik li hi t-tama tagħhom; wieħed mill-anġli li jidhru fil-kwadru jidher li qiegħed iwassal din it-tislima tal-erwieħ lill-Madonna permezz ta' strixxa f'idu bil-kelmiet SPES NOSTRA SALVE: Sliem għalik, tama tagħna.

Fl-ottava tal-Għid tal-Imwiet, fuq dan l-artal tal-Madonna tal-Grazzja kienet issir quddiesa kuljum għall-erwieħ kollha tal-Purgatorju. Din kienet issir mill-ġbir tan-nies. In-nies kienu wkoll sikwit jagħmlu xi offerta biex jinxtegħel il-lampier ta' quddiem dan l-artal (BEZZINA 1989: 198). Imbagħad, matul il-parrokat tar-raba' kappillan Dun Ġwann Gatt (1759-1779), fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar, fuq dan l-artal kienet issir quddiesa kantata għall-erwieh u matulha kien ikun ukoll espost Ġesu' Sagramentat. Fil-quddiesa kienet ukoll issir ġabra għall-quddies tal-erwieħ. Il-prokuratur tal-artal anke xtara żewġ kuruni tal-fidda waħda għal fuq ras il-Madonna u l-oħra għal fuq ras il-Bambin u, madwar għonqhom, għamlilhom kullana tal-fidda b'salib żgħir tad-deheb fin-nofs; dan kollu għas-somma ta' 30 skud u 5 irbgħajja. Anke l-gandlieri tal-artal ġew arġentati kollha u nxtara wkoll vintartal ġdid (BEZZINA 1989: 266-7).




Meta mbagħad fl-1788 daħlet fil-parroċċa ta' Sannat id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, minħabba li fil-knisja parrokkjali ma' kienx hemm wisa' fejn jitqiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, ġie mqabbad il-pittur Giuseppe Pace biex iżid il-labtu tal-Karmnu f'idejn il-Bambin li jidher f'dan il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja (BEZZINA 1989: 301).

**Kwadru fis-Sagristija**

Fis-sagristija tal-knisja parrokkjali jinsab kwadru ieħor, għalkemm iżghar, u li aktarx ukoll jirrappreżenta l-Madonna tal-Grazzja.

F'dan il-kwadru tidher il-Madonna bil-Bambin Ġesu' filwaqt li jidher ukoll San Franġisk t'Assisi bil-pjagi għarkubbtejh quddiem il-Madonna bil-Bambin. Hemm ukoll żewġ anġli jżommu kuruna fuq ras il-Madonna. Hawn ta' min jinnota li x-xbihat tal-Madonna u l-Bambin f'dan il-kwadru jidhru li huma spirati mix-xbihat tal-Madonna u l-Bambin li jidhru fil-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja titular tal-knisja tal-patrijiet Kapuċċini tar-Rabat (Għawdex) u li huwa xogħol ta' Stefano Erardi. Infatti wieħed jista' jinnota ħafna xebħ bejn il-figuri tal-Madonna u l-Bambin f'dan il-kwadru ma' dawk tal-Madonna u l-Bambin fil-kwadru t' Erardi li hemm bħala kwadru titulari fil-knisja tal-Kapuċċini li semmejna, għalkemm il-kwadru li dwaru qegħdin nitkellmu huwa artistikament inferjuri meta pparagunat ma' dak t' Erardi fil-knisja tal-Kapuċċini.

Fil-parti t'isfel tal-kwadru li dwaru qegħdin nitkellmu wieħed jista' josserva l-ittri M·M·G· li forsi jista' jkun li huma l-inizjali tal-kliem Maria Mater Gratiae: Maria Omm tal-Grazzja. Fuq in-naħa ta' wara, jiġifieri fuq id-dahar, tal-istess kwadru, wieħed jista' jara l-ittri P.P.Z. li jista' jkun li huma l-inizjali jew t' isem il-pittur jew t' isem il-benefattur tal-kwadru, kif ukoll is-sena 1755.

**Niċċa fi Triq ix-Xabbata**

Jekk noħorġu barra mill-knisja parrokkjali u mmorru fit-toroq tar-raħal ta' Sannat innifsu, sewwasew fi Triq ix-Xabbata, nsibu anke niċċa tas-seklu 18 bi statwa tal-Madonna bil-Bambin skolpita fil-ġebel u li aktarx ukoll tirrappreżenta lill-Madonna tal-Grazzja. In-niċċa tinsab mal-faċċata tad-dar nru 27 A-B fit-triq imsemmija eżattament fuq l-entratura ta' sqaq żgħir parzjalment imsaqqaf: dik li fl-arkitettura vernakulari semitika tissejjaħ siqifah. Infatti, wieħed jiltaqa' m'eżempji ta' siqifah mhux biss f'Malta u Għawdex iżda anke fi Sqallija w aktarx ukoll f'postijiet oħrajn partikolarment dawk li fil-Medju Evu kienu taħt il-ħakma tal-Għarab, għalkemm mhux l-istrutturi kolla tas-siqifah huma neċessarjament ta' żmien l-Għarab. Din ta' Triq ix-Xabbata hija tas-seklu 18. U oħra fil-bidu ta' Triq il-Kbira, hawn f'Ta' Sannat ukoll, hija saħansitra tas-seklu 20 għax tifforma parti minn dar li nbniet propju fis-seklu 20.




F'din in-niċċa mżejna bi skultura fil-ġebla nsibu statwa sabiħa tal-ġebel fuq pedestall żgħir tal-ġebel ukoll u li turi lill-Madonna żżomm lil binha Ġesu' f'idha x-xellugija filwaqt li idha l-leminija tidher poġġuta fuq parti ta' sidirha mikxufa mnejn donna qiegħda ssawwab il-grazzji materni tagħha ssimbolizzati fil-qtar tal-ħalib matern kif ġieli tidher fi xbihat oħra fejn il-Madonna hija rappreżentata taht it-titlu "tal-Grazzja". Taħt riġlejn il-Madonna nilmħu l-qamar u s-serp simbolu tal-ħazen jew tax-xitan. Oriġinarjament, ħdejn riġlejha, kellha wkoll żewġ anġli-puttini wieħed fuq kull naħa u li minn dawn għadu jidher wieħed biss. L-ieħor jingħad li kien tqaċċat bil-blast tal-bombi li kienu waqgħu fl-aħħar gwerra dinjija u llum mhux magħruf x'sar minnu.

Jingħad li kemm in-niċċa kif ukoll l-istatwa li hemm fiha kienu ġew imħallsin minn ċertu qassis li kien joqgħod fl-istess dar li fil-faċċata tagħha tinsab din in-niċċa. Saħansitra kmajra

f'din id-dar għadha turi xi ħjiel li (din il-kmajra) setgħet kienet kappella privata fejn saċerdot kien ikun jista' jqaddes privatament f'daru.

Ix-xbieha tal-Madonna f'din in-niċċa ġiet anke mżejna b'indulgenzi mill-isqof ta' Malta w Għawdex Mons. Fra Vincenzo Labini (1780-1807). Kif tibqa' tfakkar skrizzjoni mnaqqxa fil-ġebel taħt l-istess niċċa, l-isqof imsemmi, nhar it-3 ta' Mejju 1782 mar jagħti 40 jum indulgenza lil kull min jirreċita Salve Reġina quddiem din ix-xbieha tal-Madonna. It-test sħiħ tal-iskrizzjoni huwa dan li ġej:

L'ILLUSTRISSIMO E'

REUERNDISSIMO

MONSIG: FRA UIN:

CENZO LABINI CON:

NI A
CEDE' 40 GIOR: DING :
E
A CHIUNQ : RECITERA UNA
A
SALVE REGINA INAZI QUE :

EFFIGE CON LI 3 MAGGIO 1782

Ta' min ifakkar ukoll illi darba fost l-oħrajn lejn tmiem is-seklu 19 jew il-bidu tas-seklu 20, jingħad illi d-dawl ċkejken jixgħel biż-żejt quddiem ix-xbieha tal-Madonna f'din in-niċċa kien il-kaġun li wassal biex baħrin mitlufin fuq vapur maqbud f'maltempata salvaw meta l-kaptan tal-vapur lemaħ dan id-dawl ċkejken fil-bogħod hekk kif il-vapur kien għaddej minn qrib il-bajja ta' Marsalforn. Dan kien possibbli għaliex quddiem in-niċċa kien għad m'hemmx id-dar kbira li naraw illum, liema dar kienet diġa' tlestiet fl-1909, u lanqas il-koppla tal-knisja parrokkjali li kienet inbniet fl-1910. U meta tqis li r-raħal ta' Sannat huwa mtarraġ, allura din in-niċċa, minħabba fejn hi qiegħda, tiġi fl-għoli mhux ħażin.

Meta l-kaptan tal-vapur stħarreġ u sar jaf li kien propju d-dawl ċkejken ta' din in-niċċa li salvahom, bħala radd il-ħajr lill-Madonna huwa offra donazzjoni ta' flus għan-niċċa u l-istatwa li hemm fiha lil Franġisku Mizzi li f'dak iż-żmien kien joqgħod fl-istess dar fejn tinsab in-niċċa u allura kien jieħu ħsiebha. Iżda Franġisku Mizzi ssuġġerixxa lill-kaptan biex dawn il-flus jingħataw lill-kappella tal-Madonna Ta' Pinu minħabba li, fil-fehma tiegħu, din il-kappella kienet iktar tinsab fi ħtieġa u, għalhekk, jidher li kienet diġa' tgawdi ċerta devozzjoni wara l-ġrajja tal-1883 meta t-twajba Karmni Grima semgħet il-vuċi tal-Madonna minn dik il-kappella (KITTIEBA DIVERSI 1987: 54-6).

Id-dawl ċkejken quddiem ix-xbieha tal-Madonna f'din in-niċċa qatt ma' naqas ħlief matul it-tieni gwerra dinjija meta, minħabba l-periklu tal-għadu, kien ġie ordnat Blackout u, għalhekk, il-pulizija ma' kienu jħallu l-ebda dawl jinxtegħel bil-lejl, lanqas jekk ċkejken (KITTIEBA DIVERSI 1987: 56).

BIBLIOGRAFIJA
BEZZINA, J., 1989. Sannat fi Ġrajjet Għawdex. Gozo: Parroċċa ta' Sannat.

KITTIEBA DIVERSI, 1987. Niċeċ f'Għawdex: Storja, Reliġjon, Folklor. Malta: Reliġjon u Ħajja.